**22 ta' Ġunju, 1994**

**Imħallfin:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D. - President**
**Onor. Godwin Muscat Azzopardi B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph Said Pullicino B.A., LL.D.**

Grazio Debattista

*versus*

Joseph Fenech

**Libell - Malleverija - Garanzija - Rifjut ta' - Sentenza - Nullità**

*Mertu eżawrit quddiem l-ewwel Qorti u dan kien Appell fuq il-kap ta' l-ispejjeż.*

***Il-Qorti ta' l-Appell annullat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti ghaliex irriżulta illi kien hemm oppożizzjoni ghall-idoneita' tal-garanti prodott mill-libellant. Irriteniet illi l-ewwel Qorti ma setghetx tkompli bil-proċeduri qabel ma l-garanzija rifjutata kienet sostitwita b'wahda idonea***

Il-Qorti,

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ moghtija fl-4 ta' Marzu, 1988, li taqra hekk:-

'Rat il-libell ta' hawn fuq imsemmi Grazio Debattista, li permezz tieghu wara li ippremetta illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Angelo Vella tat-23 ta' Ottobru, 1982 (kopja tieghu esibita bhala Dok. A), il-libellanti, in garanzija tal-pagament tal-bilanċ ta' prezz ta' azzjonijiet, fl-ammont ta' mija u tmint' elef, tlett mija u tlieta u tletin lira Maltija (Lm108,333) ikkonċeda lil-libellati:

(a) in solidum ma' ohrajn ipoteka ġenerali fuq il-proprjeta' kollha tieghu preżenti u futuri; u

(b) wahdu, ipoteka speċjali fuq il-fond numru 22, Inguanez Street, Rabat, u fuq blokk ta' tmien appartamenti fin-numbru 89, Pieta' Wharf, Pieta';

Illi b'kuntratt tal-25 ta' Novembru, 1982, fl-atti ta' l-istess Nutar, l-ammont tal-garanzija ġie ridott ghas-somma ta' tlieta u tletin elf lira, tlett mija u tlieta u tletin lira Maltin (Lm33,333);

Illi dan l-ammont sa ftit xhur wara dik id-data thallas ukoll, mentri l-imsemmija ipoteki baqghu veljanti u ma thassrux mil-libellati, li anzi qeghdin jirrifjutaw li jaddivjenu ghall-kuntratt

relattiv biex tithassar in-nota ta' ipoteka, li fir-Registru Pubbliku fil-Volum 1 ġġib in-numru wieħed, wieħed, tmienja, tmienja, tmienja tas-sena 1982 (I 11888/82) - anki wara l-protest li sar f'din il-Qorti fit-23 ta'Jannar, 1986; u filwaqt li ġab il-malleverija biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-kawża;

Talab (1) illi din il-Qorti tiddikjara li l-libellanti (lapsus għal-libellati) ġew sodisfatti mill-kreditu li huma kellhom fil-konfront tal-libellanti u oħrajn, li ta lok għall-kostituzzjoni ta' l-ipoteki msemmija; (2) li konsegwentement l-istess libellati jiġu kkundannati li jikkanċellaw kull ipoteka kemm ġenerali fik ukoll speċjali li hemm reġistrata fir-Reġistru Pubbliku taħt in-numru I.11888/82; u (3) illi jiġi nominat Nutar biex jirrediġi l-att ta' kanċellament, u kuraturi deputati biex jidhru għall-eventwali kontumaċi fuq l-istess att;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-protest tat-23 ta' Jannar, 1986, u bir-riserva għal kull azzjoni għad-danni li tispetta lil-libellanti kontra l-libellati għan-nuqqas tagħhom;

Rat ir-risposta tal-libellati li permezz tagħha qalu:

1. Illi l-garanti offerti mhux idoneu u mhux qed jiġi aċċettat;

2. Illi fil-meritu, fil-każ ta' regulari kawtela, fit-23 ta' Ottubru, 1982, fl-istess atti tan-Nutar Dr Angelo Vella, barra mill-kuntratt hawn fuq imsemmi dak li tiegħu ġiet esibita bħala Dok A sar kuntratt ieħor (li kopja tiegħu ġiet annessa mal-libell bħala Dok. B), u li bih ġie miftiehem illi jittieħdu taħt forma ta' *'ready mix concrete'* mill-kumpanija Concrete Mix. Ltd. (li hi kumpanija li l-libellant hu konness magħha) l-ammonti ta' Lm24,000 u Lm30,000. Dan l-aħħar ammont hu indirettament l-istess ammont

(jew parti minnu) ta' Lm33,333 li jissemma fil-libell;

3. Illi l-ammont globali ta' Lm54,000 għadu ma ttiħidtx kollu, billi għad fadal bilanċ, iżda l-partijiet ftehmu kif joqtlu l-bilanċ. Però kien hemm xi divergenzi dwar xi kontijiet u l-esponenti, kif jirriżulta mill-ittra li kopja tagħha ġiet annessa mar-risposta bħala Dok. C, aċċettaw li jikkanċellaw l-ipoteki kreati mill-attur, u kellu jingħad li dan kien qed isir mingħajr preġudizzju tal-punti li kienu qed jiġu diskussi. L-avukat tal-libellati kien imsiefer għal ftit tal-ġranet, l-avukat tal-libellanti kellu xi flus f'idejh, u kellu jsir il-pagament u l-kuntratt tal-kanċellament. Iżda, inqala' malintiż dwar id-diċitura tal-kuntratt dwar l-imsemmija riserva, u l-kuntratt ta' kanċellament ma sarx;

4. Illi d-domandi attriċi ma jistgħux jiġu milqugħa, billi għad hemm żbilanċ skopert u l-ipoteka b'indiviżibbli, u għalhekk għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż. Iżda l-esponenti kienu u għadhom pronti biex jikkoperaw mal-libellant biex tinstab soluzzjoni.

Rat ir-replika tal-libellanti għar-risposta tal-libellati li biha qal:-

1. Illi billi saru aktar minn kuntratt wieħed bejn il-partijiet u oħrajn ma jfisser assolutament xejn għall-iskop tal-kawża, għaliex hu ċar li l-ipoteki li għandhom jitħassru huma speċifici daqskemm kien speċifiku d-debitu li kienu jkopru. Ma jistax ikun hemm kwistjonijiet ta' ipoteki 'indiretti' li jiggarantixxu 'indirettament' debiti ta' kuntratti oħra. Għalhekk id-dokument B huwa għal kollox irrilevanti għal din il-kawża;

2. Illi konsegwentement huwa għal kollox irrilevanti wkoll

id-dokumenti C u D, u mill-bidunett ta' din il-vertenza l-Avukat tal-libellanti dejjem sostna li l-kwistjoni tat-tieni debitu m'għandha xejn x'taqsam ma' l-ipoteki tal-libellanti, u li l-Avukat tal-libellati kien qed sempliċiment jitrattahom flimkien biex jakkwista xi ħaġa għal-libellati, billi joħloq sitwazzjoni ta' *'quid pro quo'* li però qatt ma ġiet aċċettata. L-avukat tal-libellanti, biex jakkomoda lill-avukat tal-libellati kien pront, u wasal għall-arranġament rigward pagament għas-saldu fuq il-kuntratt l-ieħor, imma dan ma kellu b'ebda mod jikkondizzjona l-kanċellament ta' l-ipoteki;

3. Illi difatti fil-paragrafu 3 jingħad illi l-libellati 'accettaw li jikkanċellaw l-ipoteki kreati', però riedu li jingħad, 'li dan qed isir mingħajr preġudizzju tal-punti li kienu qegħdin jiġu diskussi'; Huwa manifest li ħadd ma jista' jżomm lil-libellati, li meta jagħmlu l-kanċellament ta' l-ipoteka, jagħmlu kwalunkwe **dikjarazzjoni unilaterali** li jidrilhom, għaliex dan bl-ebda mod ma hija se tolqot lil-libellant ħlief talvolta jekk jammonta għal xi vantato credito, li kif sewwa jingħad *'lascia il tempo che trova'*.

4. Illi l-paragrafu 4 huwa speċi ta' disdetta ta' l-ammissjoni li hemm fil-paragrafu 3. Proprju kien dan l-atteġġjament ta' 'iva' u 'le' fl-istess nifs li ġġenera l-kawża;

5. Illi fl-aħħarnett il-libellanti jerġa' jissottometti illi d-debitu, li hemm veljanti kontra tiegħu jkopru, ilu mħallas u sodisfatt sa minn Jannar ta' l-1983 - u daqshekk tlett snin sħaħ - ilu jsofri preġudizzju minħabba n-nuqqas tal-libellanti (lapsus għal libellati) tul l-istess żmien;

Rat illi m'hemmx riferta li r-replika ġiet notifikata lil-libellanti (għalkemm in-notifika jidher li tħallset), u fil-fatt ma

saritx kontro-replika mil-libellati;

Rat id-dokumenti kollha esibit, in-nota ta' osservazzjonijiet, kif ukoll l-atti l-oħra kollha tal-proċess; u

Ikkunsidrat:

Illi kif jirriżulta mill-provi proċesswali l-libellati kkanċellaw fil-mori tal-ġudizzju u l-ipoteki in kwistjoni ġa veljanti kontra l-libellanti, u għalhekk il-meritu tal-kawża jinsab eżawrit. Però l-kontendenti baqgħu ma ftehmux dwar kif se jiġu sopportati l-ispejjeż tal-kawża, u talbu lill-Qorti biex tiddeċiedi fuq din il-kwistjoni. Biex tasal għad-deċiżjoni tagħha, però, il-Qorti se jkollha teżamina l-fatti li taw lok għall-kawża u titrattaha bl-istess mod daqs li kieku l-meritu ma jinsabx eżawrit;

Illi bi skrittura privata tat-23 ta' Ottobru, 1982, il-libellanti flimkien ma' erba' wliedu xtraw mingħand il-libellati 61,538 *'shares'* fil-kumpanija *'Concrete Mix Limted'*, reġistrata hawn Malta, bil-prezz ta' Lm233,333 - mil-liema prezz ġie mħallas akkont fuq l-istess skrittura s-somma ta' Lm125,000. Fl-istess jum, b'kuntratt pubblikat min-Nutar Dr. Angelo Vella, il-libellanti w uliedu intrabtu personalment li jħallsu l-bilanċ tal-prezz, kwantu għal Lm75,000 fi żmien xahar mid-data tal-kuntratt, u kwantu għar-rimanenti Lm33,333 fi żmien sena minn dik id-data, mingħajr imgħax; u in garanzija tal-pagament obbligaw ruħhom personalment, versu a favur tal-kredituri, b'ipoteka ġenerali *'in solidum'*, u inoltre, il-libellant obbliga ruħu wkoll personalment b'garanzija addizzjonali permezz ta' ipoteka speċjali fuq l-immobbli msemmija fil-kuntratt. Din il-garanzija ipotekarja ġiet debitament inskritta fir-Reġistru Pubbliku fil-ktieb ta' l-ipoteki bin-numru tar-reġistrazzjoni 11888/1982;

Illi b'kuntratt iehor pubblikat mill-istess Nutar u fl-istess jum, il-libellanti u wiehed minn uliedu, f'isem u ghan-nom tal-kumpanija '*Concrete Mix Limited*', iddikjaraw li l-kumpanija kienet vera u likwida debitrici tal-libellanti fis-somma ta' Lm26,667 ghas-saldu ta' kull debitu li l-kumpanija kellha lejn il-libellati. Il-kumpanija intrabtet li thallas dan il-bilanċ fi żmien sena mid-data tal-kuntratt, in kwantu ghal Lm2,667 fi flus kontanti lil Paolo Vella, l-ommu u l-hutu (uhud mil-libellati), u in kwantu ghall-bilanċ ta' Lm24,000 billi tissupplixxi *'ready mixed concrete'* lil Joseph Vella, Carmel Vella u lil Joseph Fenech (ukoll uhud mil-libellati), jew kumpaniji minnhom indikati. Din il-fornitura ta' *concrete* kellha ssir b'rati ta' mhux inqas minn Lm2,000 fix-xahar fil-konfront tat-tlett kredituri flimkien. Dan il-*concrete* kellu jiġi fornit bi prezzijiet kurrenti, u l-kredituri kellu jkollhom *'reasonable priority'* fil-konsenja purchè jaghtu pre-avviż raġonevoli fl-ordnijiet taghhom. B'dana però li kredituri kellhom ihallsu *'in cash'* ghal xi ordnijiet li *jsiru 'in excess of the said Lm2,000 during any month'*; u mill-banda l-ohra jekk f'xi xhur partikulari ma jkunux ghamlu ordnijiet li jlahqu l-valur ta' Lm2,000 (kalkulat ghal kull xahar), huma setghu jikkumpensaw dawk l-ordnijiet li setghu jaghmlu, u ma ghamlux, ma' ordnijiet in eċċess fuq il-valur ta' Lm2,000 fix-xhur sussegwenti. B'dana wkoll li milli jidher il-bilanċ ta' Lm24,000 kellu jiġi paċut (jew sodisfatt) sa l-gheluq ta' sena mill-kuntratt. In garanzija tal-hlas ta' l-imsemmi bilanċ ta' Lm26,667 il-kumpanija ipotekat il-bini taghha, preżenti u futuri, favur il-kredituri;

B'dan l-ahhar kuntratt il-kredituri intrabtu wkoll li jixtru b'kemm jiswa Lm30,000 ohra '*ready-mixed concrete*' minghand il-kumpanija msemmija, fi żmien sena, u ghalih kellhom ihallsu meta l-familija Debattista thallas il-bilanċ tal-prezz tax- *'shares'*

kif hawn fuq intqal;

Ma jidhirx li hemm kuntrast bejn il-partijiet li din il-kawża tirrigwarda l-kanċellament ta' l-ipoteka naxxenti mill-ewwel kuntratt hawn fuq imsemmi (Dok. A.) ċjoè dak li jikkonċerna l-ħlas tal-prezz tax-'*shares*', u lanqas li dik l-ipoteka kienet ġiet ridotta għas-somma ta' Lm33,333 b'kuntratt tal-25 ta' Novembru, 1982;

Fil-libell tiegħu l-libellant qal li anki dan l-aħħar imsemmi ammont kien tħallas sa ftit xhur wara dinn id-data; però li l-libellati baqgħu jirrifjutaw li jikkanċellaw l-ipoteka relattiva anki wara l-protest li għamlilhom fit-23 ta' Jannar, 1986. Il-libell odjern ġie intavolat fil-5 ta' Marzu, 1986. Huwa issa rilevanti li l-libellanti m'humiex fir-risposta tagħhom jikkontradixxu din l-allegazzjoni tal-libellant; imma qegħdin semplicement igħidu, b'riferenza għall-ftehim inkorporat fil-kuntratt l-ieħor (Dok. B) dak bejn il-kumpanija *'Concrete Mix Limited'* min-naħa u l-libellanti min-naħa l-oħra - li għad fadal xi bilanċ. Għalkemm apparentement hemm ċertu konnessjoni bejn kuntratt u ieħor , iż-żewġ kuntratti huma legalment separati u indipendenti wieħed mill-ieħor, u bejn partijiet differenti; u l-uniku konnessjoni indiretta li l-Qorti tista' tirravviża hija dwar il-ħlas mil-libellati lill-kumpanija hawn fuq imsemmija ta' parti mill-konsenja tal-*concrete* li intrabtet li tieħu mingħand l-istess kumpanija. Imma se mai dik il-konnessjoni indiretta setgħet tiġi sollevata biss kontra l-libellant kieku dan talab il-prezz tal-konsenja relattiva tal-*'concrete'*; altrimenti ma kellhiex tinfluwixxi fuq il-kanċellament o meno ta' l-ipoteka in kwistjoni. Iżda kull kwistjoni li seta' kien hemm bejn il-libellanti *nomine* u l-libellati rigward ir-relazzjonijiet tagħhom taħt l-aħħar imsemmi kuntratt (i.e. dak bejn il-Kumpanija u l-libellati) ma kienx jintitola lil-libellati li

jirrifjutaw li jikkanċellaw l-ipoteka veljanti kontra l-libellant personalment u in testa proprja; molto piu' meta kull bilanċ li seta' kien hemm bejniethom kien garantit b'ipoteka kontra l-kumpanija. Fi kliem ieħor il-libellati ma kinux intitolati li jħalltu kwistjoni naxxenti mill-ewwel kuntratt ma' kwistjoni jew kwistjonijiet oħrajn naxxenti mit-tieni kuntratt, u dana ġara aktarx għax kienu involuti f'kull każ l-istess persuni fiżiċi għalkemm legalment ma kienx hekk (stante li l-kumpanija għandha persuna ġuridika indipendentement mill-membri li jikkomponuha);

Infatti, kif jidher mill-ittra Dok. C, mibgħuta mill-konsultent legali tal-libellati fit-18 ta' Frar, 1986, lill-konsulent legali tal-libellant, jingħad testwalment: *'I have to confirm that all the persons involved have appointed Mr. Joseph Fenech as their attorney with power to cancel the hypothecary inscriptions'.* Huwa veru li l-istess konsulent legali żied jgħid fl-istess ittra immedjatament wara hekk: *'However. we are doing this for purposes of co-operation without prejudices to any balances due owing to the reasons that we discussed'.* Din ir-riserva unilaterali li l-libellati kellhom dritt jagħmlu, kellha tirriferixxi biss għal kwistjonijiet naxxenti mit-tieni kuntratt u ma seta' jkollha ebda rabta - dejjem naturalment fin-nuqqas ta' kunsens tal-parti l-oħra - mal-kwistjoni tal-kanċellament ta' l-ipoteka. Intant aktar 'l isfel fl-istess ittra jingħad ukoll: *'I have told him to carry on with the cancellation in regard to Grazio Debattista. As regards the Company, we could look into the matter further'.* Jidher mill-istess ittra li dawn il-bilanċi oriġinaw u jirrigwardaw biss mit-tieni kuntratt, u legalment m'għandhom xejn x'jaqsmu mar-relazzjonijiet naxxenti bejn il-partijiet konċernati fl-ewwel kuntratt. Għalhekk, dawk il-kwistjonijiet li kienu qed jiġu diskussi ma kinux jintitolaw lil-libellati li jirrifjutaw li jikkanċellaw l-ipoteka kontra l-libellant personalment. Kwindi l-

libellant, fiċ-ċirkustanzi kien intitolat jagħmel il-kawża, u m'hemmx kuntrast li l-ipoteka in kwistjoni tħassret mil-libellati wara li kienet diġà nbdiet il-kawża. Għalhekk l-libellanti għandhom jissopportu l-ispejjeż tal-kawża. *S'intendi din id-deċiżjoni mhix intiża, u m'għandha bl-ebda mod taffettwa l-kwistjonijiet li jista' hemm bejn il-libellati u l-libellant* (sa fejn dan jista' jkun involut) naxxenti mit-tieni kuntratt hawn fuq imsemmi;

Finalment, għal dan kull buon fini jingħad li ma nġiebu ebda provi dwar l-idoneità o meno tal-malleverija prodotta mil-libellant għall-ispejjeż tal-kawża; u għalhekk il-Qorti ma ssib ebda bażi li fuqha tiċħad l-istess malleverija bħala inidonea;

Għal dawn il-mottvi:

Tiddeċiedi billi fl-ewwel lok tastjeni ruħha milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet tal-libellanti, ċjoè tal-meritu tal-kawża; u fit-tieni lok billi tiċħad għal kull buon fini l-ewwel eċċezzjoni tal-libellati; u fit-tieni lok billi tikkundanna lil-libellati jħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawza;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuti u l-petizzjoni ta' l-appell tagħhom li permezz tagħha talbu li din il-Qorti jogħġobha tannulla s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fl-4 ta' Marzu, 1988, u tirrinvija l-kawża quddiem l-ewwel Qorti u tagħti l-ordnijiet konsegwenzjali oħra okkorrenti u tikkundanna lill-attur iħallas l-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi u subordinatament in difett ta' dan tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu astjeniet ruħha milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet tal-libellant fil-meritu tal-kawża u tirrevokha għar-rimanenti u tiċħad id-domanda ta' l-attur

kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni dwar l-ispejjeż u tikkundanna lill-attur iħallas l-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi biex b'hekk tiġi amministrata ġustizzja skond il-liġi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:-

Jiġi osservat mill-ewwel li din is-sentenza tirrigwarda l-preġudizzjali ta' endoli proċedurali sollevati permezz tal-petizzjoni ta' l-appell;

L-ewwel aggravju ta' l-appellanti jirrigwarda proprju l-ewwel eċċezzjoni li huma kienu taw fil-prim' istanza fis-sens li l-garanti offert ma kienx idoneju u ma ġiex aċċettat. F'dan ir-rigward huwa jissottomettu li skond l-artikolu 894 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-garanzija tingħata b'nota li biha, inter alia, tissemma l-professjoni, xogħol jew stat tal-garanti u l-indirizz tiegħu. F'dan il-każ intqal li l-garanti kien Emmanuel Cachia, ma ssemmiex x'jagħmel u intqal li joqgħod Birkirkara. Il-libellati ma aċċettawhx kif kellhom dritt jagħmlu. Madankollu l-libellant ma għamel xejn kif kien wisq doveruż li jagħmel skond il-liġi. F'dan l-istat ta' fatti fl-aħħar parti tas-sentenza ingħad, 'Finalment, għal kull buon fini jingħad li ma nġiebu ebda provi dwar l-idoneità o meno tal-malliverija prodotta mil-libellant għall-ispejjeż tal-kawża. u għalhekk il-qorti ma ssib ebda bażi li fuqha tiċħad l-istess malliverija bħala inidoneja';

L-appellant jissottometti li dan huwa l-invers ta' dak li trid il-liġi. Infatti skond l-artikoli 893 u 900 ta' l-imsemmi Kodiċi

meta malliverija ma tiġix aċċettata, huwa l-obbligu ta' l-attur li jagħti garanzija ġdida jew li jagħmel l-proċeduri meħtieġa permezz ta' ċitazzjoni. L-obbligu li jipprova li l-garanzija hija tajba huwa ta' l-attur u l-konvenut m'għandu ebda obbligu li jipprova xejn. Għalhekk dak li jingħad fis-sentenza huwa kontra l-liġi u fil-fatt f'dan il-każ il-libellant baqa' ma ta l-ebda garanzija b'mod li l-libell tiegħu ma setax jimxi 'l quddiem;

Għall-mument din il-qorti se tissofferma ruħha fuq dan l-ilment il-għaliex jekk jirriżulta fondat is-soluzzjoni hija waħda ovvja u ċjoè li tkun trid tannulla l-proċeduri kollha li saru fil-prim' istanza inkluża s-sentenza appellata;

Fil-fehma ta' din il-Qorti dak li qed jissottometti l-appellant huwa konfortat minn diversi disposizzjonijiet li hemm fil-Kodiċi msemmi fil-parti li titratta dwar il-garanzija. Infatti *una volta* l-garanti li kien rikjest il-garanzija li kienet rikjesta mil-liġi f'dan il-każ trattandosi ta' libell kienet ġiet rifjutata bħala inidonea mil-libellati fir-risposta tagħhom, kien il-kompitu tal-libellanti li jipprovdu garanzija idonea huma u mhux li l-libellati jippruvaw li l-garanzija mogħtija ma kinetx waħda idonea. Infatti, hawnhekk japplika l-artikolu 900 tal-Kap. 12. illi jimponi fuq il-parti li għandha ġġib il-garanzija, li ġġib garanzija ġdida meta r-rifjut tal-garanzija għall-ispejjeż isir regolarment u hi tkun ġiet notifikata b'dak ir-rifjut jew inkella li tippreżenta ċitazzjoni sabiex tiġi approvata l-garanzija miġjuba jew sabiex tiġi ammessa l-garanzija bil-ġurament jekk ikun il-każ. In mankanza ta' osservanza ta' dan l-obbligu l-kawża ma tistax timxi 'l quddiem u għalhekk dak li sar fil-prim' istanza kien irregolari, ċjoè, l-ewwel Qorti ma setgħetx tgħaddi biex tiddeċiedi l-libell li kellha quddiemha - altru jekk dan illimitatu għall-kap ta' l-ispejjeż peress li l-mertu kien jinsab eżawrit - sakemm ma tiġix offerta garanzija

oħra flok dik li ġiet rifjutata regolarment mil-libellati;

L-unika problema li tista' tinqala' f'dan ir-rigward tikkonsisti fil-fatt illi l-libellati stess jidhru li ma ndunawx illi l-garanzija ma kinetx ġiet sostitwita b'garanzija oħra u effettivament jekk wieħed jeżamina l-atti proċesswali tal-prim' istanza isib illi l-istess libellati u d-difensur tagħhom dehru regolarment u kienu huma li prattikament insistew ma' l-ewwel Qorti illi tgħaddi biex tiddeċiedi l-kap ta' l-ispejjeż. U għalhekk tqum il-kwistjoni jekk dan jissanax il-proċeduri li altrimenti ma kinux jistgħu jitkomplew sakemm ma jkunx hemm garanzija idonea fiż-żmien li jiġi stabbilit;

Frankament, din il-Qorti tħoss li trattandosi ta' ħaġa hekk fondamentali u ċjoè l-garanzija għall-ispejjeż ta' l-appell li fuqha l-liġi stess tikkondizzjona l-prosegwiment o meno tal-kawża, il-fatt illi fil-mori tal-proċeduri fil-prim' istanza l-puntwalitaġġ ġie sollevat m'għandux iwassal għall-konklużjoni li b'daqshekk ġew sanati l-proċeduri imma se mai dan in-nuqqas għandu jiġi rifless għal dak fil-kap ta' l-ispejjeż u dana minħabba illi f'ċertu sens għalkemm il-libellanti kellhom dejjem l-oneru illi jissostitwixxu l-garanzija rifjutata b'waħda idonea, kien jinkombi wkoll fuq il-libellati li jaraw li jekk kien hemm irregolarità konsistenti fil-fatt li dan ma sarx ma jħallux lill-ewwel Qorti tibqa' għaddejja fil-proċeduri mbagħad iqajmu l-istess oġġezzjoni fi stadju tant inoltrat ċjoè, f'dan l-istadju ta' l-appell;

Għalhekk il-konklużjoni li tasal għaliha din il-Qorti hija illi l-ewwel Qorti ma setgħetx tkompli bil-proċeduri u sussegwentement tgħaddi għas-sentenza appellata in mankanza tas-sostituzzjoni tal-garanzija rifjutata f'waħda idonea da parti tal-libellanti u dan in-nuqqas iwassal neċessarjament għad-

dikjarazzjoni tan-nullità kemm tal-proċeduri kif ukoll tas-sentenza appellata li tifforma parti proprju minn dawk il-proċeduri;

Qabel ma tgħaddi għall-parti konklużiva ta' din is-sentenza din il-Qorti trid tirrileva wkoll li l-appellant kellu aggravju ieħor ukoll ta' endoli proċedurali u ċjoè huwa jallega li l-libellanti kienu ppreżentaw replika kif kellhom dritt jagħmlu skond l-Artiklu 137 tal-Kap. 12, però din ir-replika li skond l-Artiklu 139 ta' l-istess Kodiċi għandha tiġi notifikata lil-libellant, f'dan il-każ, avolja sar pagament għan-notifika, l-istess ma ġietx notifikata lil-libellati li saru jafu biha meta qraw is-sentenza. Skond l-appellanti l-ewwel Onorabbli Qorti indunat li ma kienx hemm notifika iżda baqgħet għaddejja donnu dan in-nuqqas ma kienx rilevanti u osservat li ma kinetx saret kontro-replika mil-libellat;

Fil-fehma tal-Qorti dan ukoll jikkostitwixxi nuqqas proċedurali ieħor illi sar fil-prim' istanza li bħala konklużjoni tiegħhu jista' jwassal għal dikjarazzjoni li s-sentenza appellata hija nulla u bla effett. Però billi kif ingħad se jiġi dikjarat li anke l-proċeduri kienu nulli u għalhekk m'huwiex il-każ illi din il-Qorti tidħol fi kwistjonijiet ta' dwar jekk is-sentenza hix ġusta fis-sentenza jew kif se jipprevedi l-Artiklu 790 tal-Kap. 12, din il-Qorti m'hijiex se tgħid oltre fuq dan l-aspett u tirrilevah biss lill-ewwel Onorabbli Qorti biex il-pożizzjoni tiġi regolarizzata meta eventwalment din il-kawża tiġi rimessa quddiemha;

Għal dawn il-mottivi, tiddisponi mill-appell interpost billi tilqa' l-preġudizzjali tan-nullità tal-proċeduri u tas-sentenza appellata billi tiddikjara illi minn wara r-rifjut tal-garanzija ta' l-ispejjeż fil-prim' istanza l-proċeduri kollha li segwew inkluża s-sentenza appellata u l-prolazzjoni tagħha huma nulli u bla effett u konsegwentement tibgħat l-atti lura lill-ewwel Onorabbli Qorti

għal-kontinwazzjoni u deċiżjoni skond il-Liġi. L-ispejjeż ta' din l-istanza, minħabba dak illi ingħad u li ċjoè l-oġġezzjoni għal-prosegwiment tal-proċeduri in mankanza ta' kawtela idonea missu tressaq mil-libellati llum appellanti fil-prim' istanza fiż-żmien opportun u dan ma sarx, ikunu a kariku ta' l-istess appellanti.